

STUDJU KRITIKU

P. MARJANU VELLA OFM (RIP)

# IL-VARA TAL-MADONNA TAS-SACRO CUOR

## 120 SENA F'TAS-SLIEMA

Meta fl-ewwel jiem ta' Awissu tas-sena 1879, Ġilormu Darmanin temm il-vara tas-Sultana tagħna, irrid ngħid li taha ħarsa twila, u tgħaxxaq bix-xogħol ta' idejh. Ftit tal-ġimgħat wara, Ġilormu kien taħt it-trab. Ruħu setgħet tara aħjar is-sbuħija ta' DIK li hu fuq din l-art għamel ħiltu biex jagħti sura mill-isbaħ tagħha. Għaliex, tabilħaqq, waħda mill-aqwa vari tal-Madonna li għandna Malta hi din tagħna – Il-Madonna tas-Sacro Cuor, kif hi magħrufa minn kulħadd.

Issa fi żmien li Ġilormu Darmanin kien temm u kollox ix-xogħol tal-vara tagħna, l-istatwarju l-aktar li kien jissemma' kien Karlu Darmanin. Ġilormu, milli jidher ma ħalliex bosta xogħlijiet, iżda hu minnu li dak li ħadem ħadmu sewwa u bil-għaqal. Bil-vara tagħna biss, ismu ma kienx jintesa fost l-ismijiet ta' l-aħjar statwarji tal-Gżejjer tagħna. Ta' min jgħid li l-fama ta' Karlu Darmanin kienet daqshekk imxerrda ma' Malta kollha, li meta Dun Pawl Vella (li bena l-Knisja u ġieb il-vara fostna) kiteb dwar il-vara fil-ġurnal "Fede ed Azione" tal-25 ta' Ġunju 1881, qal li l-istatwa nħadmet minn Karlu. Ma għandniex xi ngħidu intebaħ bl-iżball minnufih, u fil-ħarġa ta' l-istess gurnal ta' tlitt ijiem wara, sewwa dak li kiteb qabel. Karlu Darmanin li kien għadu ħaj xtaq – dejjem kif jingħad – li l-iżball fil-kitba ta' Dun Pawl Vella ma ssewwa qatt! Milli jidher Ġilormu Darmanin ma tantx kellu xortih tajba.

Mela, il-vara ordnaha u ħallas għaliha s-Sur Ġużè Galea. Meta dan is-sinjur mar il-ħanut ta' Ġilormu għamilhielu ċara u tonda li l-vara kellha tixbaħ sew lil dik li ġiet appovata fis-26 ta' April 1875 mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX. Jekk le, ma kellux jeħodha. Irrid nifhem li Darmanin ħassu marbut wisq, u kellu jaħdem fuq dak li qalulu. Iżda wisq naħseb li ta' artist tajjeb li kien, għaraf iħalli d-daqqa tiegħu ta' imgħallem fil-vara tagħna.

U ħareġ b'xi ħaġa oriġinali. Nistaqsu: Fejn hu oriġinali Darmanin? Dwar il-qagħda tal-Madonna mexa kważi kif qalulu. Iżda meta ġie għall-wiċċ, ħass li kellu jgħid tiegħu. F'dik ta' Ruma, il-Madonna qed tħares dritt lejn min jieqaf quddiemha. F'din tagħna, il-Madonna qed tħares b'ħarsa mbaxxija lejn il-Qalb ta' Binha Ġesù, li hi stess qed turi f'idha l-leminija. U hawn hija s-sbuħija perfetta tagħha. Ix-xejra totali ta' wiċċha, waqt li tesprimi regalità u dinjità, għandha espressjoni effettiva ta' umiltà li tqanqal. Barra minn hekk, wieħed irid jinnota x-xebh li hemm bejn il-Bambin Ġesù u l-Madonna. Ħaġa li tonqos fl-istatwa ta' Ruma. U hawn jidher l-aħjar xogħol ta' Darmanin għaliex għaraf jagħti armonija waħda liż-żewġ uċuħ. B'hekk ħoloq dik il-mewġa ta' sbuħija irżina li wieħed iħoss meta jieqaf quddiem il-vara tas-Sultana tagħna. Ġilormu Darmanin qagħad attent għad-daqs tal-vara. Il-qagħda maestuża tal-Madonna u d-daqs tal-Bambin fuq idha x-xellugija joħolqu dak is-sentiment reliġjuż profond li jrid jesprimi t-titlu ta' "Sultana tagħna tal-Qalb ħelwa ta' Ġesù". Għalkemm il-mantell fih panneġġi qawwija, qatt ma huma goffi. U meta l-mantell idur ma' ras il-Madonna, dak id-daqsxejn xagħar li jidher, jaqta' ħelu wisq bejn il-karnaġġjun tal-moħħ u l-induratura. L-id li qed iżżomm il-Qalb hi misluta tajjeb u toħroġ naturali mill-komma. Ir-riġlejn, imbagħad, wieħed qed jistrieħ fuq is-sħab u l-ieħor fuq is-serp li jdur dawramejt, mat-tarf tal-libsa tal-Madonna. Ix-xogħol delikat ta' l-isgraffit u ta' l-induratura jissokta jenfasizza s-seħer artistiku tal-vara.

Ir-raġġiera tal-fidda li saret fl-1926 tagħmel ġieħ kbir lill-arġentier Maestro Ġużeppi Madiona ta' Tas-Sliema. Ta' min jgħid li din tinqala' biċċa biċċa (wara kull biċċa jidher l-isem tal-benefattur li ħallas għaliha) u tingħaqad flimkien minn quddiem, fi stilla mdaqqsa li tiġi ftit 'il fuq minn ras il-Madonna, u minn wara, f'qalb b'kuruna tax-xewk madwarha. Din ir-raġġiera bi tnax-il kewkba hi tabilħaqq xogħol eleganti ta' preċiżjoni u sengħa li tikxef it-talent Malti. Iż-żewġ kuruni (li għandha llum wara li nsterqu dawk li kien hemm qabel) saru fl-1949 u ħadmuhom ukoll id-Ditta Madiona. Il-qalb tad-deheb inħadmet mill-arġentier Louis Micallef. (Is-sħaba tal-fidda taħt il-Madonna saret ukoll minn Edward Madiona fl-1981).

U dak li jerfa' s-sbuħija regali tal-vara hu l-pedistall. Dan hu xogħol fl-injam li sar mill-Imgħallem Karmenu Theuma fl-1913. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn wieħed jintebaħ li quddiemu għandu biċċa xogħol tabilħaqq artistika. Ix-xogħol dekorattiv kollu jixhed ħila u reqqa. Il-pedistall jinżel b'mod ritmiku minn taħt is-sħab u jiftaħ bil-qajl għall-erba' saqajn tassew jixirqu. Hu wieħed mill-ftit pedistalli f'Malta li jżommu fuq is-saqajn.

Hemm xogħlijiet oħra li jissuktaw isebbħu l-vara. Waqafna biss fuq il-vara fiha nnifisha, iżda ma stajniex ma nsemmux imqar fuq ir-raġġiera u l-pedistall. Għaliex dawn flimkien jagħmlu dik il-għaxqa ta' Madonna li hi daqshekk marbuta ma' qalbna s-Sliemiżi. U jekk idejn il-bnedmin ħolqu ħjiel hekk xieraq tas-sbuħija verġinali ta' Marija, kemm aktar għad irridu nistagħġbu bix-xogħol ta' l-Id setgħana ta' Alla meta naraw lis-Sultana tagħna fis-sema?

Għax Marija hija tabilħaqq il-kapulavur tat-Trinità Imqaddsa!

*(Dil-kitba tal-poeta Franġiskan Sliemiż Patri Marjanu Vella OFM dehret fil-Fuljett Parrokkjali "Is-Sultana Tagħna", Leħen il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema, Vol. 3, Nru. 7, 1976, pp. 10–11, b'ġieħ lil din l-ewwel Vara Titulari f'Tas-Sliema).*